# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 27 Ottubru 2022**

Appell numru 263/2021

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Christian BORG**
**John BORG**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell ta’ John BORG (detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 598257M) minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mogħtija nhar l-20 ta’ Lulju 2021 fejn ġie mixli talli nhar id-29 ta’ Awwissu 2020 għall-ħabta tal-10.30hrs u nhar it-30 ta’ Awwissu 2020 għall-ħabta tat-8.30hrs ġewwa l-għalqa li tinsab f’Popeye Village, Triq il-Prajjet, il-Mellieħa bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel il-ħsara kontra l-Liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorita’ tiegħu nnifsu lil Alfred Borg iħallas dejn, jew jeżegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixklu fil-pussess ta’ ħwejġu jew ħatlu bini jew b’xi mod ieħor kontra l-Liġi ndaħallu fi ħwejġu.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-Artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali, iddikjarat lill-imputat John BORG ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u kkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' ħames mitt euro (€500), filwaqt li illiberat lil Christian BORG minn kull imputazzjoni u piena. In oltre, ai termini tal-Artikolu 85(2) u 377(3) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti ordnat lil John BORG sabiex ineħħi l-pajpijiet kollha li jidhru f'Dokument AB1 fi żmien ġimagħtejn mid-data tas-sentenza u jekk jonqos milli jħares din l-ordni fiż-żmien hekk stabbilit, hu jkun ħati ta' reat u jeħel meta jinstab ħati, ammenda ta' għaxar euro (€10) għal kull ġurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi l-imsemmi żmien.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi BORG appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex tbiddel, tirriforma u tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lil Christian BORG, tħassarha u tirrevokaha fil-kumplament tagħha u minflok tgħaddi sabiex tillibera lill-appellant John BORG minn kull imputazzjoni, ħtija u piena u dan wara li stqarr is-segwenti (in suċċint):

   i) Mill-provi prodotti ma jirriżultax lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni lil-appellant ikkometta r-reat addebitat lilu u ċjoe fixkel lil Alfred Borg mill-pussess ta' ħwejġu, fiż-żmien u fid-dati ndikati fl-akkuża. Illi din il-kawża tirrigwarda rapport dwar fatti li allegatament seħħew fid-29 u t-30 ta' Awissu 2020. Meta xehed il-kwerelant quddiem il-Qorti tal-Maġistrati huwa esebixxa ritratti biex juri pajpijiet li skont hu saru f'dawk id-dati. Waqt l-istess depożizzjoni pero huwa xehed illi kien sab il-pajp tal-ilma xi ġimgħa qabel ma żar l-art fit-30 ta' Awwissu 2020 u għalhekk ukoll il-fatt addebitat lill-imputat ma setax ikun li seħħ fid-dati indikati fil-komparixxi.

   ii) Illi barra minn hekk, f'kawża oħra li nstemgħet u ġiet deċiża wkoll dakinhar, il-kwerelant Alfred Borg xehed illi l-pajp tal-main tal-ilma sabu fit-22 ta' Ottubru 2020. Ftit wara huwa xehed li fl-24 ta' Ottubru 2020 żera l-ful u fil-31 ta' Ottubru sab il-ful maqlugħ u l-pajpijiet tad-dripp u dan meta kien diġa xehed li l-pajpijiet kien sabhom fit-22 tax-xahar u wara, li f'din il-kawża kien qal li sabhom f'Awissu. Dawn il-kontraddizzjonijiet fix-xhieda tal-kwerelant kellhom inisslu dubju dettat mir-raġuni li jwassal għal-liberatorja tal-appellant.

   iii) Illi dakinhar tal-20 ta' Lulju 2020 huwa xehed ukoll li qatt ma għamel xejn sabiex jieħu lura l-art in kwistjoni mill-pussess ta' ħuh u qatt ma prova fiżikament jirrespinġi l-ispoll li skont huwa wettaq l-imputat. Li

fil-verita dan kollu jfisser li l-parti in kontestazzjoni ġiet fil-pussess ta' John Borg sa minn Diċembru 2019 dwar liema teħid ta' pussess ġja ngħatat sentenza li sabet lill-esponent ħati fit-3 ta' Marzu 2020. Jekk l-esponent kien iddisturba lill-kwerelant fil-pussess ta' din l-art f'Diċembru 2019 u jekk il-kwerelant qatt ma għamel xejn biex jieħu l-pussess lura fiżikament mingħand l-imputat, ifisser li l-art in kwistjoni kienet u baqgħet fil-pussess tal-imputat sa minn Diċembru tas-sena 2019. La darba l-kwerelant ma baqax fil-pusses sa minn Diċembru 2019 mhux possibbli li huwa ġie disturbat fil-pussess f'Awissu 2019 u għalhekk l-imputazzjonijiet qatt ma jistgħu jissussistu. Fil-kamp penali ir-reat ikun twettaq fil-mument tat-teħid tal-pussess u dak li jseħħ wara mhuwhiex il-kommissjoni tal-istess reat għaliex ikun jonqos l-element tad-disturb fil-pussess tal-kwerelant li sa dak il-mument ikun tilef il-pussess.

iv) Għalhekk l-imputat ma kellux jinstab ħati la darba ġja instab ħati tal-istess reat dwar l-istess lok b'riferenza għal Diċembru 2019 u ġjaladarba ma rriżultax li l-fatt seħħ fiż-żmien indikat fl-akkuża.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

6. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

7. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun

---

minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

hemm raġuni valida.  Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

8. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

9. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża:

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

10. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess.  Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

11. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

12. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

13. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi

---

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

14. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

15. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

16. Fil-każ Ingliż **Majid**,[7] Lord Moses stqarr hekk:

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

17. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti:

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is

[6] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

18. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

19. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

20. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-**best evidence rule**, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.
>
> L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi

ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.

Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[9]

21. Illi f'dan il-każ, huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-**hearsay** u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-**hearsay evidence**, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

**598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.

(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.

(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.

**599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

22. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-**hearsay evidence** kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod:

21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:
'599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta

[9] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.

dan ħaddieħor ma jkunx jista'  jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'

22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:
'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23.Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'

24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

23. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti:

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:

'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

24. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-**hearsay evidence** ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar:

Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu

> ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

25. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

26. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

27. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory".

Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

## E. Il-KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI

28. Illi nhar is-16 ta' Settembru 2020 għall-ħabta ta' 13.35hrs, irrikorra ġewwa l-Għassa tal-Qawra ċertu Alfred Borg sabiex jagħmel rapport kontra ħuh John BORG u t-tifel tiegħu Christian Borg għaliex skont hu, fl-24 ta' Awissu 2020 huma kienu daħlu fil-parti tiegħu tar-raba' li tinsab f'Popeye's Village, Triq Il-Prajjet, il-Mellieħa u sussegwentement fit-30 ta' Awissu kien ra pajp fin-nofs tal-għalqa tiegħu.

29. Il-Pulizija sussegwentement kelmu lil Christian Borg u lil John BORG u nfurmawhom li kienu sejrin jinħarġu l-akkużi fil-konfront tagħhom b'rabta ma' dan l-inċident.

30. L-appellant jibbaża l-ewwel aggravju fuq żewġ binarji:

(a) fl-ewwel lok jikkontendi li minn kliem il-kwerelant Alfred Borg, jemerġu diversi inkonsistenzi dwar **meta** effettivament sab il-pajpijiet in kwistjoni fl-għalqa tiegħu liema inkonsistenzi jwaslu għal dubju dettat mir-raġuni dwar kemm John BORG wettaq spoll bi ksur tal-Artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali fid-dati indikati fiċ-ċitazzjoni;
(b) jikkontedi wkoll, li minħabba li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet diġa ppronunzjat ruħa preċedentement f'sentenza oħra fil-konfront tiegħu fejn kienet irrikonoxxiet li kien seħħ spoll a dannu ta' Alfred Borg f'Diċembru 2019, ma setax hawnhekk ukoll jitqies integrat ir-reat ta' ragion fattasi fid-dati indikati fiċ-ċitazzjoni (24 u 31 ta' Awissu 2020) għaliex allura il-kwerelant Borg kien diġa ġie sposessat minn Diċembru 2019 u huwa qatt ma għamel xejn wara l-akkadut sabiex jirriprendi dan il-pussess bil-konsegwenza allura li l-pussess, bħala wieħed mir-rekwiżiti sabiex tinstab ħtija għal ksur tal-Artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali huwa nieqes.

31. Il-Liġi ma tagħtix definizzjoni tal-'pussess' imsemmi fl-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali, iżda dit-tifsira tinsilet mill-ġurisprudenza. Ir-reat ta' ragion fattasi jista' jissusisti wkoll f'każ li l-persuna affetta mill-azzjoni tas-suġġett ikollha biss anke sempliċi detenzjoni tal-proprjeta in kwistjoni u, minħabba l-azzjoni tas-suġġett attiv, hi ma tkunx tista' tkompli b'dan l-użu jew tgawdija tal-istess oġġett anke fuq mera tolleranza. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Joseph Bongailas**[10] il-Qorti tal-Appell ikkunsidrat is-segwenti:

> L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali li jittratta dwar ir-ragion fattasi, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-propjeta' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga....Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment ghall-ewwel element kostituttiv tieghu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta'spoll mill-appellant, **kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni.**[11]

32. Ukoll fl-appell **Il-Pulizija vs. John Vassallo,**[12] il-Qorti tal-Appell Kriminali qieset illi:

> Taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn illi jigi ppruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk. Id-dicitura ta' l-artikolu hija cara u l-legislatur certament ried illi jigi evitat kull tfixkil, hu ta' liema natura hu, anki fis-semplici pussess. Tali pussess jinkludi wkoll kif gie ripetutament deciz minn din il-Qorti, anke s-semplici drittijiet normalment kompetenti lill-persuni koncernati.

33. Għaldaqstant jeħtieġ li jiġi stabbilit kif sa dakinhar li tkun seħħet it-turbativa, il-kwerelant kellu xi forma ta' ritenzjoni, kontroll jew tgawdija fuq l-oġġett li ġie mfixkel milli jkompli jirritjeni, jikkontrolla jew igawdi. Il-Liġi ma tqisx bħala difett għat-tmexxija tal-azzjoni ta' ragion fattasi l-fatt li l-kwerelant ma jkunx adixxa awtorita' kompetenti sabiex jirriprendi dak il-pussess fi żmien xahrejn. Filwaqt li fil-kamp ċivili, għal dak li jirrigwarda azzjonijiet possessorji,[13] inkluż l-actio spolii,[14] dak li jiġi mmolestat fil-pussess ta' ħwejġu, jista' biss

---

[10] Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u datata 22 t'Ottubru 2001.

[11] Enfasi ta' din il-Qorti.

[12] Qorti tal-Appell Kriminali, preseduta mill-Imħallef Godwin Muscat Azzopardi u datata 22 ta' Marzu 1991

[13] Ara kawża fost oħrajn Nicholas u Antonia konjugi Attard vs. Peter Paul Cutajar deċiża nhar l-14 ta' Marzu 2001 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

[14] Ara artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta

jirriprendi l-pussess ta' ħwejġu bl-istituzzjoni ta' azzjoni fi żmien xaharejn kontra l-awtur tal-ispoll mill-mument tal-ispoll, għall-fini tal-azzjoni ta' ragion fattasi fil-kamp penali, dak li jrid jiġi stabbilit huwa li fid-dati indikati fiċ-ċitazzjoni l-kwerelant, kien igawdi minn pussess (inkluż detenzjoni jew anki minn sempliċi tolleranza) ta' dak l-oġġett li huwa jkun ġie mfixkel milli jkompli jgawdi.

34. Għalkemm l-appellant ma ppreżentax fl-atti ta' din il-kawża s-sentenza ta' kundanna li qiegħed jirreferi għaliha u li jidher li kienet mgħotija mill-istess ġudikant li ppronunzjat ukoll din is-sentenza li issa l-appellant qiegħed jappella minnha, din il-Qorti xorta tislet li r-relazzjoni bejn l-aħwa Borg hija waħda kontenzjuża. Dan jirriżulta kemm minn dak li xehed Alfred Borg kif ukoll mid-domandi li għamlet id-Difiża tal-appellant lilu.

35. Fid-diversi domandi li saru in kontro-eżami jidher li hemm kontestazzjoni fuq l-oriġini tat-titolu li l-aħwa għandhom fuq din il-biċċa art u fuq il-mod kif saret id-diviżjoni tagħha. Dan il-fatt jemerġi wkoll mir-risposti tal-kwerelant Alfred Borg in kontro-eżami fejn jirrespinġi dak li jiġi suġġerit lilu mid-Difiża tal-appellant John BORG. Ukoll, din il-Qorti tosserva kif effettivament din il-kawża kienet qiegħda tinstema' quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (u issa wkoll fl-appell quddiem din il-Qorti) flimien ma' żewġ kawżi oħra (264/2021 u 265/2021) u dawn il-kawżi lkoll jitrattaw kunflitt bejn l-aħwa fuq il-porzjonament u diviżjoni tal-istess biċċa art imsemmija fil-kawża in diżamina.

36. Għalkemm jista' jagħti l-każ li kien hemm pronunzjament ieħor kontra l-appellant John BORG fis-sens li kien diġa ġie misjub ħati li f'Diċembru 2019 kkommetta ragion fattasi, dan ma jfissirx li huwa setgħa, sussegwentement reġa kkommetta fatt jew fatti oħra, f'dati differenti fuq l-istess art u fir-rigward tal-istess persuna. Stante li dawn ikunu jikkostitwixxu episodji differenti, tali episodji, jekk ikun avverati ma jostawx it-tmexxija ta' azzjoni kriminali oħra għal ksur tal-Artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali.

37. Il-kwistjoni prinċipali mhix dik, iżda jekk l-appellant setax jiġi mixli u sussegwentement misjub ħati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tar-reat ta' ragion fattasi fil-parametri temporali ppreżentati fiċ-ċitazzjoni. Skont iċ-ċitazzjoni, l-appellant ġie mixli li wettaq spoll a dannu ta' Alfred Borg nhar **l-24 ta' Awissu 2020** u nhar **il-31 ta' Awissu 2020**.

38. L-Artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali jistipula r-rekwiżiti tal-Liġi f'dak li trid li jkun fiha ċ-ċitazzjoni u li permezz tagħha l-imputat jinġieb quddiem il-Qorti għall-bidu tal-proċediment penali kontra tiegħu:

> Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.

39. Il-Liġi teħtieġ li partikolaritajiet taż-żmien ta' meta, u lok fejn,twettaq ir-reat ikunu preżentati b'mod ċar fiċ-ċitazzjoni li hija l-bażi li fuqha jinbdew il-proċeduri kriminali kontra l-ġudikabbli. Dawn ir-rekwiżiti għandhom iservu biss sabiex l-imputat jkollu idea ċara ta' biex ikun akkużat b'mod li jkun jista' jipprepara adegwatament id-difiża tiegħu. Madanakollu, nuqqas ta' xi rekwiżit minn dawn ma jwassalx għan-nullita taċ-ċitazzjoni. Il-Liġi tippermetti wkoll li ssir korrezzjoni fejn ikun meħtieġ fiċ-ċitazzjoni dment li l-imputat jingħata żmien biżżejjed biex jirregola d-difiża tiegħu. Dan joħroġ ċar mill-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra** deċiż nhar il-5 ta' Awwissu 2003:

> Pero`, kif din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tosserva diversi drabi, in-nuqqas ta' xi rekwizit imsemmi fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 ma jwassalx ghan-nullita` tac-citazzjoni (jew tal-imputazzjoni jew imputazzjonijiet) **u anqas ma jwassal necessarjament ghall-liberazzjoni ta' dak li jkun**[15]. Jekk, minhabba l-mod kif inhuma redatti l-imputazzjonijiet, l-imputat ma jkunx jista' jiddefendi ruhhu adegwatament huwa jista' jgib dan l-ilment a konjizzjoni tal-qorti biex din tiehu l-mizuri necessarji. Jista' wkoll, wara li jkun sema' l-provi tal-prosekuzzjoni, jitlob differiment jew posponiment biex ikun f'posizzjoni li jaghmel id-difiza tieghu, minflok ma jghaddi ghad-difiza <u>minnufih wara l-kaz tal-prosekuzzjoni</u>, kif suppost li jsir f'kull kawza (ara, in partikolari, l-Artikoli 374, 375 u 377(1) tal-Kodici Kriminali). S'intendi, tali differiment jew posponiment ghandu jinghata <u>b'cirkospezzjoni kbira u biss f'kazijiet fejn ikun hemm xi nuqqas fil-mod kif il-prosekuzzjoni tkun ressqet l-imputazzjonijiet jew ikkonduciet il-kaz taghha, liema nuqqas ikun verament jista' jippregudika lill-imputat</u>, ghax altrimenti facilmment jigri li l-kawza sommarja ma tibqa' <u>sommarja</u> xejn. Huwa proprju ghalhekk li l-Artikolu 360(2) jghid li c-citazzjoni ghandha jkollha certi dettalji, u cioe` sabiex l-imputat jigi preparat f'ewwel jum tas-smigh bid-difiza u bil-provi tieghu in difeza, u l-kawza tkun tista' tinqata' f'dik l-ewwel gurnata tas-smigh.

[15] Enfasi ta' din il-Qorti.

40. Minħabba din il-konċezzjoni ta' kif il-Liġi tqis dawn ir-rekwiżiti, fejn in-nuqqas ta' dawn ir-rekwiżiti jew impreċiżjoni fihom **ma tippreġudikax l-essenza tal-meritu tal-każ kontra l-imputat**, il-Liġi stess tippermetti li l-Prosekuzzjoni tkun tista' titlob li ssir korrezzjoni fil-komparixxi kif ukoll li l-kawża tibqa' għaddejja bis-smiegħ tagħha. Dettalji jew partikolaritajiet impreċiżi ma jwaslux awtomatikament għall-liberazzjoni tal-imputat. L-ispirtu tal-Artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali ġie ampjament mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Mario Bezzina** deċiża nhar is-26 ta' Mejju 2004:

> Fis-sentenza moghtija minn din fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Buttigieg fil-25 ta' Lulju 1994, intqal: "L-insenjament tal-qrati taghna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tghid univoku u gie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Dicembru, 1948 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E**. (Vol.XXXIII.iv.758) li dahlet ukoll fl-origini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, ic-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data li jigu indikati lilu, minflok ma jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (Art.360(1)). Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tigi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: 'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore' (ara sentenza citata, pagna 761). Dan ifisser li galadarba l-persuna mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni principali tac-citazzjoni (ghax hemm funzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, li l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jiddefendi ruhhu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun giet ezawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju, 1989 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Noel Zarb Adami**)."

41. L-istess ma jistax jingħad pero meta ċ-ċitazzjoni jkun fiha partikolaritajiet ta' żmien u lok li jibqgħu mhux korretti u li jkunu **<u>jikkuntrastaw</u>** ma' dak li jemerġi mill-provi li jinstemgħu waqt il-mori tal-kawża. Dan b'mod partikolari f'dawk iċ-ċirkostanzi fejn il-Prosekuzzjoni ma tkunx talbet korrezzjoni taċ-ċitazzjoni b'mod li tirrifletti l-fattispecie tal-każ. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Kyle Stone** deċiż nhar l-20 ta' Settembru 2013 ġie ritenut is-segwenti:

> Illi fis-sentenza mogħtija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti ta' l-Appelli Kniminali fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs John Mary Briffa', fejn l-appellant f'dik il-kawża ġie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "għall-habta tas-

7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw inċident li sehh "għall-ħabta tas-7.30 a.m.", intqal li:

*"L-imputazzjoni għalhekk kif impostata qed tirreferi għal xi ħaġa li allegatament ġrat tnax-il siegħa wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant ħati. Mill-provi ma jirrizultax li ġara xi incident fil-hin indikat fl-imputazzjoni u għalhekk l-appellant ma setax jinsab ħati kif fil-fatt insab. Il-frazi "għall-habta ta' "tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi fl-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-ll siegħa wara.'*

Illi dan l-istess prinċipju gie riaffermat mill-istess Qorti ta' l-Appell Kriminali f'diversi kawzi oħra inkluz dawk fl-ismijiet 'Pulizija vs Warren Piscopo' u Pulizija vs 'Rita Theuma, it-tnejn deċiżi fid-1 9 ta' Ottubru 2011.

42. Għaldaqstant, minkejja li l-funzjoni taċ-ċitazzjoni hija biss *avviso di comparire* u l-Liġi tikkonċedi impreċiżjonijiet li jistgħu jiġu sanati b'sempliċi korrezzjoni magħmula fil-mori tal-kawża, dan ma jfissirx li l-partikolaritajiet taż-żmien u lok imsemmija fiċ-ċitazzjoni u li fihom allegatament ikun ġie kommess ir-reat ma huwiex importanti li jkunu korretti mill-bidu nett tal-kawża. Li kieku kien hekk, allura, l-imputat jitlef parti sew miċ-ċertezza legali li għandu dritt għaliha fi proċess penali. Għalkemm il-ġurisprudenza tammetti ċerti varjazzjonijiet, jew *variances*, mill-banda l-oħra dar-rekwiżit legali jeskludi ambigwitajiet fiċ-ċitazzjoni u li ma jiġux korretti. Huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tara li l-partikolaritajiet ta' żmien u lok ikunu korretti u jkunu jaqblu mal-provi prodotti.

43. F'dan il-każ, ix-xiehda tal-kwerelant Alfred Borg ma tispeċifikax b'mod ċar id-data ta' meta kienet l-ewwel darba li huwa ra l-pajpijiet fil-biċċa tiegħu tal-għalqa. Alfred Borg ma jsemmi xejn x'ġara fl-24 t'Awissu 2020. Fil-bidu tax-xiehda tiegħu f'paġna 13 jgħid li fit-tletin ta' Awissu 2020 mar l-għalqa tiegħu u sab il-pajpijiet tad-dripp u l-main 'jikkrossjaw il-qasma tiegħi'. Imbagħad, fuq domanda tal-Qorti, huwa jgħid li l-aħħar li kien mar l-għalqa qabel dakinhar tat-30 ta' Awissu 2020 kien 'xi ġimgħa qabel'. Sa hawnhekk din il-Qorti tifhem kif allura l-pajpijiet ma kienux fuq l-art in kwistjoni sa ġimgħa qabel iżda lanqas ma jista' jingħad li saru dakinhar tat-30 ta' Awissu 2020. Jista' jingħad li saru fil-perjodu bejn ġimgħa qabel it-30 ta' Awissu 2020 u d-data tat-30 ta' Awissu 2020 meta l-kwerelant jgħid li niżel l-għalqa u sab il-pajpijiet. Iżda l-kwadru probatorju jkompli jikkomplika ruħu u sa ċertu punt jiċċajpar ukoll hekk kif fil-kontro eżami tiegħu, il-kwerelant jorbot it-tpoġġija ta' dawn il-pajpijiet ma' fatt partikolari nonche ż-żera' tal-ful:

Difiża: Inti għidt, ara jekk fhimtx sewwa, meta rajt il-pajpijiet l-aħħar li dħalt fiha ir-raba', kien xi ġimgħa qabel. Hux hekk?

Xhud: Le le, jiena għidt li l-aħħar li dħalt fiha, meta żrajt il-ful. Kien sar kbir, tajjeb, u kif sar kbir, ħaratuli u għamel il-pajpijiet. Jiġifieri ma stajtx...jiena żrajt il-ful it-tieni darba, qed nistennieh jikber, tajjeb? Biex immur nonqxu. Issa kien għadu mhemmx għalxiex immur nonqox jien. U hu ħaratuli u għamel il-pajpijiet. Jiena ma nistax nidħol fiha.
Difiża: U kemm qabel, meta dak in nhar li dħalt u rajt il-pajpijiet, neħħielek il-ful u rajt il-pajpijiet. Sewwa? Kemm qabel kont żrajtu il-ful mela?
Xhud: Il-ful żrajtu darbtejn jien.
Difiża: L-aħħar darba meta kien? Kemm qabel ma rajt il-pajpijiet?
Xhud: Kif?
Difiża: Kemm qabel ma rajt il-pajpijiet?
**Xhud: Naħseb għaddew xi tliet ġimgħat, xahar biex kiber.**[16]

44. F'paġna 22 tax-xhieda tiegħu l-istess Alfred Borg qal li l-ful l-aħħar li kien żergħu kien għal ħabta tal-Milied jew Jannar. Ukoll, fuq domanda tad-Difiża, Alfred Borg ikkonferma li l-ful reġa' żergħu f'Diċembru hekk kif qabel John BORG kien ħarathulu:

Xhud: John ħarat il-ful, erġajt bejjidtu.
Difiża: **F'Diċembru għidtli.**[17]
Xhud: Erġajt bejjidtu, reġa' ħaratuli, għamel il-pajpijiet u jiena ma stajtx nidħol ġo fiha dik il-biċċa.

45. Mis-siltiet appena msemmija allura din il-Qorti tislet li minkejja li fil-bidu tax-xhieda tiegħu l-kwerelant qal li kien l-aħħar żar l-għalqa ġimgħa qabel it-30 ta' Awissu 2020 - liema data huwa indika bħala dik li fiha saru l-pajpijiet - fl-istess nifs fil-kontro eżami huwa jgħid li l-pajpijiet kienu saru ftit wara li John BORG reġa ħaratlu l-ful liema ful huwa kien reġa żergħa f'Diċembru u jgħid ukoll li dan il-ful kien dam minn tlett ġimgħat sa xahar biex kiber. Jekk allura wieħed jikkunsidra li skont ma xehed Alfred Borg il-ful li reġa' żera f'Diċembru dam min tlett ġimgħat sa xahar biex jikber u li dan il-ful ħaratulu sabiex l-appellant jagħmel il-pajpijiet, ċertament ma jistax jingħad li l-pajpijiet saru fid-data tat-30 ta' Awissu u ċjoe' approssimattivament, seba' xhur wara li skont l-kwerelant stess l-appellant kien ħaratlu l-ful biex jagħmel il-pajpijiet.

46. Dan juri diskrepanza bejn il-fatti kif irrakkontati mill-kwerelant u li ġew emnuti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u l-parametri taż-żmien imsemmija mill-Prosekuzzjoni fiċ-ċitazzjoni maħruġa kontra l-appellant. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha quddiemha sitwazzjoni fejn it-tqehid tal-pajpijiet seta' seħħ bejn dak iż-żmien ta' wara li nżera' l-ful f'Diċembru sa dakinhar li l-kwerelant mar iżur l-għalqa

---

[16] Enfasi ta' din il-Qorti.
[17] Enfasi ta' din il-Qorti.

tiegħu. Mhux l-ewwel darba li Qorti jkollha sitwazzjoni fejn mill-provi ma tkunx tirriżulta d-data preċiża ta' meta jkun seħħ l-ispoll. Dan peress li f'każijiet ta' din ix-xorta, is-suġġett attiv tar-reat ikun normalment aġixxa bil-moħbi u b'hekk il-kwerela ssir wara li s-suġġett passiv tar-reat jinduna li jkun ġie turbat fil-pussess tiegħu. Iżda, f'dan il-każ partikolari, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet marbuta b'parametri ta' żmien preċiżi – b'ċitazzjoni li tindika **data preċiża u mhux żmien approssimattiv** ta' meta effettivament seħħet ir-ragion fattasi. U ma jirriżultax li fi stadju ta' meta l-Prosekuzzjoni kienet qegħda tipproduċi l-provi tagħha saret korrezzjoni għal dan. Dan ifisser illi l-insenjament fl-appelli kriminali **John Mary Briffa**, **Rita Theuma** u **Warren Piscopo** rispettivament, isib applikazzjoni f'dan il-każ.

47. L-akkużi f'dan il-każ kienu marbuta ma dati speċifiċi – id-29 ta' Awwissu 2020 għall-ħabta tal-10.30hrs u nhar it-30 ta' Awwissu 2020 għall-ħabta tat-8.30hrs u ma sar ebda riferiment għal dak li setgħa seħħ fil-ġranet, ġimgħat jew xhur ta' qabel dawn id-dati. Dan jassumi iżjed importanza in kwantu r-reat ta' ragion fattasi huwa **reat ta' natura istantanja** iżda li ħalli effetti li jistgħu ikunu duraturi jew permanenti. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Paul Cilia** deċiż nhar is-7 ta' Ottubru 2015 fejn il-mertu tal-kawża kien jitratta tibdil fis-serratura ta' żewġ propretajiet intqal hekk:

> Vincenzo Manzini jghid dwar ir-reat ta' ragion fattasi: "E` in ogni caso reato istantaneo, e non permanente, ancorche` possa avere effetti permanenti. Ne` importa che la violenza, specialmente quella sulle cose, possa continuarsi ininterrottamente per un certo tempo … perche` il reato si consuma nell'istante in cui l'agente si e` fatta ragione da se` medesimo con l'uso della violenza, per il quale uso e` sufficiente il fatto violento iniziale. Non si confonda, poi, il delitto permanente col delitto continuato.
>
> 12. Il-każ in eżami jirrigwarda żewġ atti ta' kommissjoni konsistenti fil-bdil ta' serraturi ta' żewġt iħwienet. Il-fatt tal-bdil tas-serraturi kellu effett permanenti, iżda dan xorta jrid jitqies bħala reat istantaneju.

48. F'dan ir-rigward, l-insenjament tal-Imħallef Harding fil-kawża **Il-Pulizija vs. Lorenzo Baldacchino** deċiża nhar is-6 ta' Diċembru 1948 fuq dan il-punt kien fis-sens li fid-distinzjoni bejn reat istantanju u reat permanenti **wieħed ma jridx jiffoka fuq il-konsegwenzi tar-reat għaliex b'dan il-mod ikun faċli li wieħed jikkonfondi reat istantanju ma' reat permanenti minħabba li l-effetti tiegħu jkunu duraturi** : -

> Din it-teżi tal-Qorti Inferjuri ma tidhirx aċċettabbli. Ir-reati kkontemplati fl-art. 75 ittri (a)(b) u (c) tal-Ordinanza III tal-1943 li bihom hu imputat l-appellant u li għalihom tapplika l-preskrizzjoni msemmija fit-tieni subartikolu tal-istess artikolu, huma reati istantanei, li huma l-essenza tagħhom stess kompjuti u eżawriti appena tkun kompjuta dik it-tali vjolazzjoni ta' liġi li tikkostitwihom; jiġifieri malli jingħata t-tagħrif falz, malli jiġi prodott id-dokument falz jew malli tiġi miżmuma t-tagħrifa materjali. Malli jsir dan l-att l-liġi hi vjolata u ma hix aktar passibbli ta' vjolazzjoni u kwindi ma hux il-każ ta' reat permanenti jew suċċessiv. **Il-Qorti ta' Isfel ħarset lejn il-konsegwenzi tagħhom**[18] (ara Mangin 'Traite' de l'action publique' T. II no. 321 et seq. ; Le Sellyer, 'Le Traite' de l'Exercise' ecc...

49. Ir-reat istantanju huwa dak li jiġi mwettaq u kkunsmat fil-mument li titwettaq il-vjolazzjoni li tkun tipprojbixxi l-Liġi stess. B'hekk fiċ-ċitazzjoni ssir ferm iżjed importanti l-preċiżjoni fil-kitba tad-data ta' meta jkun allegatament seħħ ir-reat u dan peress li din tkun taf tagħmel differenza kbira fil-każ. L-istess Imħallef Harding fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Wiġi Abela** deċiż nhar is-6 ta' Ġunju 1949 qal hekk:

> Hu utli li jiġi ribadit illi hu ta' l-akbar importanza li fl-applikazzjoni ta' dawna l-kriterji ġenerali wieħed joqgħod attent għal-lokuzzjoni adoperata mil-liġi fil-każ partikolari; għaliex minħabba dik il-lokuzzjoni l-konsegwenzi jistgħu jkunu diversi, bla ma b'daqshekk jiġu mibdula l-kriterji fil-ġeneralita' tagħhom.

50. Dan ifisser illi jekk verament l-appellant BORG wettaq l-azzjoni msemmija minn Alfted Borg, huwa għamilha permezz t'att wieħed pożittiv li pero l-effetti tiegħu estendew matul iż-żmien. Jekk verament l-appellant wettaq dawn l-atti, huwa wettaqhom darba iżda l-effett tagħhom baqa' jinħass fuq medda ta' żmien. Ir-reat pero jkun ġie kommess f'dik id-darba meta tkun seħħet l-azzjoni li tikkostitwixxi l-vjolazzjoni tad-dritt. Biex BORG setgħa jinstab ħati, il-Prosekuzzjoni riedet tipprova, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li huwa wettaq dik l-azzjoni vjolattiva f'xi waħda minn dawk id-dati li fihom għoġobha tixli lill-appellant. Jekk il-Prosekuzzjoni kellha dubju dwar id-data preċiża, hija setgħet titlob korrezzjoni taċ-ċitazzjoni biex tirrifletti perjodu temporali iżjed konsoni mal-fatti tal-każ (sakemm pero dan ma jkunx ibiddel is-sustanza tal-azzjoni jew jinċidi fuq il-meritu tal-każ, bħal fejn tkun kompetenti l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, eċċetra).

51. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħet qatt legalment issib lill-appellant

[18] Enfasi ta' din il-Qorti.

ħati tar-reat ta' ragion fattasi fiż-żmien imsemmi fiċ-ċitazzjoni u dan peress li ma ġiex pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li huwa wettaq dan ir-reat fiż-żmien imsemmi fl-istess ċitazzjoni.

52. Għaldaqstant, din il-Qorti qegħda tilqa' l-aggravju tal-appellant magħmul f'dan is-sens u tqis li jkun inutli li tinoltra ruħa fuq il-kumplament tal-aggravji.

# DECIDE

**Għall-dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata, u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, ħtija, piena u konsegwenza.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**